PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
8 ta' Novembru, 2020

# ISSA, MHUX IMBAGĦAD

Ir-rumanz magħruf tal-awtur James Plunkett, *Strumpet City*. Il-ktieb jittratta fuq il-ħajja f'Dublin fl-ewwel nofs tas-seklu 19, propjament meta kien hemm il-*potato famine*. Ir-rumanz jippreżenta l-karattru Rashers, bniedem fqir. Mela dan Rashers kien qiegħed imut u wieħed minn sħabu staqsieh, "Meta tmut u tħabbat fuq il-bieb t'Alla, x'se jgħidlek Alla, Rashers?" Rashers wieġeb, "Se jgħidli, 'Idħol, Rashers, għaraftha t-taħbita tiegħek fuq il-bieb.'" Rashers sikwit kien iħabbat fuq il-bieb t'Alla. Alla kien jaf kif iħabbat Rashers fuq il-bieb. Alla ta' Rashers ma kienx tal-passat jew tal-futur. Kien Alla tal-preżent.

Issa, mhux imbagħad. B'din il-pandemija jista' jkollna l-ħabta li nħallu għal meta l-affarijiet jiġu għall-aħjar. Jista' jkun li nilludu lilna nfusna u ngħidu "għada nibdew". Ir-rumani kienu jgħidu *Carpe diem*, agħmel l-aħjar li tista' fil-jum tal-lum.
Il-pandemija ttellef u kulħadd jaf dan. Fl-istess ħin tista' tgħinna biex niġru u ngħaġġlu inqas, ikollna iktar kwiet u silenzju. Bħalissa għandna ħin iktar għal xulxin. Kif taraw, dak li huwa sfida nistgħu nibdluh f'mument ta' grazzja. Kif qal sewwa tifel żgħir lil ommu u missieru, il-pandemija għalih kienet *"the best time ever!"* Xħin ommu staqsietu għaliex kien qed jitkellem hekk, wieġeb "għax il-mummy u d-daddy jgħaddu ħafna iktar ħin magħna d-dar!"

Mela, ejjew inħabbtu kuljum fuq il-bieb t'Alla. Għax Alla huwa magħna anke fil-pandemija u jridna nfittxuh anke fil-pandemija. Dan il-Ħadd li qegħdin fih huwa Jum San Koronatu martri. Jekk tistgħu ħudu sehem. Dan il-Ħadd ukoll huwa t-8 tax-xahar. Fil-parroċċa qed nistiednu lil kulħadd biex fit-8 ta' kull xahar ngħidu r-Rużarju fil-familja. Għidu r-Rużarju d-dar. It-talb fil-familja jqaddisha.

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRAJN

**INFAKKRUKOM:** li dan il-Ħadd, il-quddiesa solenni mmexxija mill-Isqof Mons. Anton Teuma se tkun fit-8:30am. Filgħaxija se jkun hawn quddiesa fil-5:00pm u wara ssir purċissjoni qasira fil-knisja.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' għada t-Tnejn 9 ta' Novembru fil-kappella tas-sorijiet Franġiskani. Ir-rużarju jibda fl-4.15pm u fl-4.30pm tiġi ċċelebrata l-quddiesa.



**NIFIRĦU:** lill-Isqof Mons. Mario Grech għall-ħatra tiegħu bħala kardinal. Nitolbu għalih biex il-Mulej jgħinu fil-ministeru l-ġdid li għandu u li fih se jiltaqa' ma' Nsara mid-dinja kollha.

**NIRRINGRAZZJAW:** lil dawk kollha li ġabulna u naddfu r-ram u l-bronż. F'dawn il-ġranet li għaddew begħna r-ram u l-bronż u għalihom il-knisja ġabret is-somma sabiħa ta' €856.




**BIBBJA GĦALL-BEJGĦ:** Għadha kif ħarġet edizzjoni ġdida tal-Bibbja bil-Malti. Is-soft bound tiswa €30 u l-hard bound tiswa €38. Tistgħu takkwistaw kopja mill-bookshop Emmaws mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:30am u n-12:30pm, jew mill-4:00pm u s-7:00pm. Nhar ta' Sibt ikun miftuħ mit-8:30am san-12:30pm.

**SENA ĊENTINARJA - 5:**
"Is-sejħa tagħkom bħala lajċi li twasslu s-saċerdot lill-poplu hija parti mill-iktar nobbli tal-missjoni tal-Knisja", Papa San Ġwanni Pawlu II f'udjenza lill-grupp ta' leġjunarji (30-10-1982).

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am